# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 14 ta’ Ottubru 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Marshal Mallia)**
**vs**
**Wayne Demicoli**

**Drogi Numru: 65/2021**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Wayne Demicoli ta’ 29 sena, iben Silvio u Gaetana xebba Mifsud, imwieled Pieta nhar it-23 ta’ Mejju 1991, residenti fil-fond 22 Triq Tommasso Caruana Demajo, Hamrun u detentur tal-Karta tal-Identita’ numru 273891M.

Akkuzat talli fl-1 ta’ Marzu 2021 u fix-xhur ta’ qabel:
1. importa, jew gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tigi importata medicina perikoluza (Cannabis Grass) f’Malta, bi ksur tad-dispozizzjoni tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta’ l-Artikolu 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-Ordni ta’ l-Avukat Generali a tenur ta’ l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta biex dan il-kaz jinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat l-atti processwali.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentment pruvati.

Illi dwar l-piena hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu min-naha u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, kif ukoll ix-xorta u l-kwantita ta' droga misjuba. Hadet ukoll in konsiderazzjoni d-dikjarazzjoni ta'l-ufficjal prosekutur li d-droga, anke dik impurtata, kienet ghall-uzu personali ta'l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 7, 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 ta'l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah **multa ta' sitt mitt Euro (€600) li ghandha tithalla fi zmien sena.**

In oltre l-Qorti qed tordna **d-distruzzjoni tad-droga u oggetti esebieti Dok MM2 u Dok MM3** u dan taht il-harsien tar-Registratur ta' din il-Qorti li ghandu jirredigi proces verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**